# FLUS "MALTIN", KEJL U QISIEN

Ġużi Gatt

Il-lista ta' kotba li nkitbu fuq l-istorja tal-valuta legali, il-flus u l-muniti użati f'Malta matul is-sekli, minn żmien il-Feniċi sa żmienna, issa hi twila mhux ħażin. Ħafna mill-kitba li ġiet ippubblikata tixhed riċerka kbira u għarfien vast fuq is-suġġett. (1) B'xorti ħażina però, li kellu wieħed ifittex fiha xi tagħrif fuq flus "Maltin" bħal m'huma, ngħidu aħna, l-IRBIEGĦI u l-ĦABBA, x'aktarx li jibqa' b'xiber imnieħer. Dan x'aktarx hu marbut mal-fatt li l-istorja ta' dawn il-muniti tmur lura għaż-żmien ta' qabel il-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta. Jiġifieri tmur lura għal żmien li, għal ħafna storiċi Maltin, hu żmien mudlam u bil-kemm mhux ukoll xi ftit perikoluż biex toqgħod tbagħbas fih.

Is-seba' seklu w.K. (wara Kristu) ra t-twelid fid-dinja ta' reliġjon "ġdida" - l-Islam. F'medda ta' ftit snin, din ir-reliġjon rebħet il-peniżola kollha ta' l-Għarabja, imxiet lejn il-Lvant u waslet sal-fruntieri ta' l-Indja, imxiet lejn il-Punent, qasmet il-Baħar l-Aħmar, rebħet l-Egittu, u sas-sena 696 w.K. ħadet ukoll dik l-art li kienet tissejjaħ "l-Ifriqija"; li hi bejn wieħed u ieħor it-Tuneżija ta' llum. L-ewwel mexxejja li għamlu isem fit-tmexxija ta' l-Ifriqija kienu dinastija ta' nies imsejħa l-GĦALIEBA (Aghlabids). Dil-kelma ġejja mill-għerq tal-verb Malti "għeleb/jegħleb", bħal meta tgħid, ngħidu aħna, li keffa tal-miżien "tegħleb" lill-oħra. Il-laqam "l-Egħleb" kien ingħata lil wieħed mill-fundaturi tagħhom u jfisser: "Dak tal-maġġoranza; dak li għandu l-fehma (jew il-konsensus) li tegħleb il-fehmiet l-oħra". L-Għalieba spiċċaw biex minbarra l-Ifriqija rebħu wkoll lil Sqallija u, magħha, fis-sena 869 jew 870 w.K. rebħu wkoll lil Malta.

Kienu wkoll l-Għalieba li, fl-ewwel għexieren ta' snin tas-seklu disgħa w.K., ħolqu l-irbiegħi. (2) Fi żmienhom, l-ogħla munita tad-deheb kienet id-DINAR. Kienet teżisti l-munita ta' nofs dinar, li kienet tissejjaħ "*nisf dinar*", u munita bil-valur ta' terz ta' dinar imsejħa "*tult dinar*" (għax wieħed minn *tlieta*). Imma l-Għalieba ħolqu l-kwart ta' dinar, u peress li kwart hu wieħed minn erbgħa, sejħu l-munita IRBIEGĦI. Għalkemm ħareġ għall-ewwel darba fl-Afrika ta' Fuq, l-irbiegħi maż-żmien beda jiġi stampat ukoll fi Sqallija Misilma. Fil-fatt, fi Sqallija ġie stampat fi "kwantitajiet kbar". (3) Peress li Sqallija Islamika kienet iċ-ċentru ta' kummerċ kbir bejn l-Afrika ta' Fuq u l-Italja, l-irbiegħi iddomina l-kummerċ kollu tal-pajjiżi taċ-ċentru tal- Mediterran. (4) Sar qisu d-dollaru tal-lum. Tant hu hekk li l-bliet Taljani ta' Amalfi u Napli, li dak iż-żmien kienu għadhom fil-bidu u ma kinux iħabbtuha mal-qawwa tal-kummerċ Mislem, stampaw il-munita tagħhom bħala kopja preċiża ta' l-irbiegħi Sqalli/Għarbi. (5) It-Taljani sejħu din il-munita *Tari*, jew *Tari d'oro.*

Aktar tard, peress li kif jgħid il-Malti "Iż-żmien itul u l-qarn idur", meta l-affarijiet inbidlu u kienu l-ibliet Taljani ta' Genoa, Pisa, u Venezja li ddominaw il-kummerċ

(1) Ara, ngħidu aħna, l-ktieb: *Currency In Malta*, ta' Joseph C. Sammut, Malta, 2002.
(2) "Dinar." *Encyclopaedia of Islam*, It-2 Ediz., 297-298.
(3) Maurice Lombard, *Espaces et reseaux du haut moyen age*, Pariġi: Mouton, 1972, pġ. 19-20
(4) Leonard C. Chiarelli, *Sicily During the Fatimid Age*, Teżi tal-Ph. D mill-Università ta' Utah, l-Istati Uniti, 1986. pġ. 174
(5) Maurice Lombard, *Espaces et reseaux du haut moyen age*, Pariġi: Mouton, 1972, pġ. 19

ta' żmienhom, u Malta nħakmet minn mexxejja ġodda, dawn il-mexxejja l-ġodda ġew Malta bit-*tari d'oro*. Imma missirijietna lil dil-munita għarfuha mill-ewwel. U baqgħu jsejħula b'isimha oriġinali: "l-irbiegħi". L-irbiegħi kien tagħhom daqs kemm kien tagħhom l-ilsien Malti. Niesna baqgħu jikkalkulaw bl-irbajja' sas-16 ta' Mejju, 1972, meta Malta qalbet għas-sistema deċimali. Jien għadni niftakar sew it-tmintax irbiegħi (2s 6d).

Id-dinar, u allura anke l-irbiegħi, kien jinqasam f'ĦABBIET. (6) Li kellek issarraf tmintax irbiegħi f'soldi ssib li għandek 30 sold (xelin kien fih 12-il sold). Tletin sold iġibu 360 ħabba (sold fih 12-il ħabba). Jekk taqsam 360 bi tmintax, jiġu 20. L-irbiegħi kien fih 20 ħabba, u kien ilu b'dak il-valur mill-inqas sa mis-seklu ħmistax. (7) Il-ħabba kienet ukoll tinqasam f'muniti iżgħar minnha. Nofs ħabba kienet tissejjaħ XGĦIRA (8) . Jiġifieri ħabba kienet tiswa żewġ xgħiriet, għalkemm dil-kelma f'Malta intnesiet u ma ġiet irreġistrata f'das-sens ta' frazzjoni ta' ħabba fl-ebda dizzjunarju.

Id-dinar kien munita tad-deheb. Imma mill-istorja ta' Sqallija nafu li fi żmienu kien hemm ukoll il-munita tal-fidda. Din kienet tissejjaħ DIRHEM. Fil-Malti, id-dirhem jissemma biss fil-kotba tal-Bibbja ta' P.P. Saydon, imma dil-munita kienet komunissima fi Sqallija ta' qabel il-Konti Ruġġieru (9), u peress li issa qed jibda jidher ċar li Malta fi żmien l-Għarab kienet ukoll meqjusa bħala parti minn Sqallija, hu loġiku li d-dirhem kien magħruf sewwa f'Malta wkoll. Id-dirhem kien jinqasam f'sittax-il ĦARRUBA. Din il-ħarruba, li wkoll tissemma ħafna fl-istorja medjevali ta' Sqallija, kienet munita oħra tal-fidda. (10) Meta kont żgħir ommi kienet tgħidli, "Mela l-flus ħsibthom żerriegħa tal-ħarrub?" Jidher li d-dirhem kien jinqasam ukoll f'munita li kienet tiswa wieħed minn tnax (1/12) ta' dirhem, għalkemm l-isem ta' dil-munita ma' jidhirx li hu magħruf. (11)

Fiż-żmien meta l-valuta legali uffiċjali f'Malta kienet id-dinar, l-irbiegħi u l-ħabba, (jiġifieri qabel il-Konti Ruġġieru), jidher li kien hawn ukoll sistema ta' qisien u kejl. Xi wħud mill-ismijiet ta' din is-sistema ta' kejl għadhom magħrufa sew minn ħafna minna. L-istess ismijiet kienu użati fuq medda kbira ta' art, mis-Sirja u l-Iraq, sa l-Eġittu, Sqallija, u mit-Tuneżija sal-Marokk. (12) Il-qisien li se nagħtu huma skond kif inhu magħruf li kienu fil-Medju Evu fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' fuq (13) u mhux kif kienu f'Malta fl-aħħar żminijiet li kienu għadhom jintużaw.

IS-SUBGĦA (bl-Għarbi el-Isbagħ) kien it-tul ta' bejn iż-żewġ għekiesi tas-subgħa l-werrej. 24 subgħa kienu jagħmlu DRIEGĦ (diragħ), li kien it-tul mill-minkeb sal-ponta tas-subgħa l-fustani. 4 dirgħajn kienu jagħmlu QAMA, jew it-tul ta' bejn il-ponot tas-swaba' tan-nofs ta' dirgħajn miftuħin beraħ. 5 qamiet kienu jagħmlu QASBA (għalkemm it-tul ta' din kien ivarja, imma bejn wieħed u ieħor kien ta'

(6) "Habba." *Encyclopaedia of Islam*, It-2 Ediz., Leiden, Brill, 10-11
(7) Stanley Fiorini, *The Mandati Documents at the Archives of the Mdina Cathedral, Malta, 1473-1539*, Malta, 1992. Ara paġna *lxi* taħt "grano".
(8) "Habba." *Encyclopaedia of Islam*, It-2 Ediz., Leiden, Brill, 10-11
(9) Paul Balog, "*Fatimid Glass jetons: Token currency or coin-weights?*" fil- *Journal of the Economic and Social History of the Orient XXIV* (1981): pġ. 108.
(10) Ibid.
(11) Leonard C. Chiarelli, *Sicily During the Fatimid Age*, Teżi tal-Ph. D mill-Universita ta' Utah, l-Istati Uniti, 1986. pġ. 176-177
(12) "Misaha", *Encyclopaedia of Islam*, it-2 Ediz., Leiden, Brill, 137-138
(13) Ibid.

erba' metri. (14) Mela l-kelma "qasba", użata bħala kejl, hi qadima ħafna, u m'għandux għalfejn jingħad li tista' tkun "kalk" tal-kelma Sqallija "*canna*" (15). Anzi, hi l-kelma "*canna*" li hi kalk tal-kelma "qasba", l-istess bħal fil-każ ta' l-irbiegħi u t-*tari*.

Qisien oħra: IL-QABDA kienet il-wisa' ta' l-erba' swaba' l-weqfin ta' l-id. Ix-XIBER kien il-wisa' ta' bejn is-subgħa l-kbir u s-subgħa ż-żgħir ta' id miftuħa beraħ, u l-FITER (bil-Malti ngħidu "fitel") kien il-wisa' ta' bejn is-subgħa l-kbir u s-subgħa l-werrej.

Fiż-żminijiet li qegħdin nitkellmu fuqhom, ġidek kien jitkejjel skond kemm għandek art; u l-aktar art importanti ma kenitx dik li hi tajba għall-vilel u d-djar, imma dik li hi tajba għar-raba'. Mela ried ikun hemm ftehim fuq kif wieħed ikejjel l-art. Dal-ftehim kien importanti mmens għax bih mhux biss stajt tqis ġidek imma t-tmexxija tal-pajjiż setgħet ukoll tqis u tkejjel it-taxxi li għandek tħallas fuq ġidek. Għalkemm is-sistema tat-taxxi dejjem tkun ikkumplikata, imma fis-sempliċita` tagħha, fi żmien l-Għalieba, is-sistema ta' ħlas fuq l-art kienet din: Jew tħallas persentaġġ, tant fil-mija, ta' l-uċuħ li joħorġu mir-raba' tiegħek (jew tal-valur tagħhom); jew tħallas somma flus kull tant raba' li għandek. (16) L-ewwel sistema kienet magħrufa bħala l-GĦEXUR. Tħallas għaxra fil-mija tal-uċuħ, jew il-valur tal-prodott li joħroġ mir-raba' tiegħek. It-tieni sistema kienet tissejjaħ iż-ŻEWĠ, għax kienet imsejsa fuq il-kejl ta' kemm art kont tista' taħrat b'moħriet taż-żewġ, f'ġurnata. Tant hu hekk li kien hemm min kien isejħilha ŻEWĠ IL-BAQAR. (17) Wieħed kien iħallas tant flus għal kull tant raba' li għandu u l-kejl kien mibni fuq kemm art stajt taħrat b'moħriet miġbud minn żewġ baqriet (jew gniedes) f'ġurnata. L-ammont tal-flus li sid l-art kien iħallas lill-gvern kien jissejjaħ il-ĦARAĠ, filwaqt li l-ammont li min jaħdem l-art kien iħallas lis-sid kien jissejjaħ il-QBIELA, għax kien ammont maqbul bejn sid l-art u min jaħdimha.

Fil-każ ta' l-art li l-ħlas fuqha kien isir bil-persentaġġ, ukoll kien hemm differenza bejn il-ħlas li sid l-art jagħmel lill-gvern (l-għexur), u l-ħlas li sid l-art jitlob minn min jaħdimha. Skond m'hu magħruf minn pajjiżi oħra ta' madwarna, jidher li l-qbiela fi flus kienet titħallas l-iktar fuq raba' li kien tajjeb għall-ħxejjex ta' l-ikel, l-iktar it-tagħam, jiġifieri l-qamħ u x-xgħir. Filwaqt illi raba' li minnu kienu joħorġu uċuħ "kummerċjali" bħal m'hu, ngħidu aħna, l-qoton, kont trid tħallas għalih b'sistema ta' persentaġġ mill-wiċċ li joħroġ. Ta' dan x'aktarx li għad għandna tifkira fil-qawl li jgħid:

Il-qoton mill-fiddien,
Joħroġ bil-kejjiel u bil-wiżżien.

Jiġifieri li mill-"fiddien" il-qoton jiżnuhulek u jkejluhulek biex jaraw kemm se jiħdulek minnu. It-tifsira tal-kelma "fiddien" bħala ammont ta' raba' li fuqu trid tħallas b'tant fil-mija tal-prodott, tinstab żgur fl-Eġittu. (18)

---

*(14)* ***Naval Intelligence Division, Admiralty Handbook, Syria***, Londra 1943.
*(15)* Joseph M. Brincat, Il-Malti Elf Sena Ta' Storja, Il-Pjeta`, 2000: pġ. 119
*(16)* Talbi Muhamed, *Emirat Eghlabide*, pġ. 160-161
*(17)* Al-Nuwayri, *Nihayat il-Arab*, 24, 337
*(18)* Cahen Cl. "Kharadj", *Encyclopaedia of Islam*, it-2 Ediz., Leiden, Brill, pġ. 1032

Sadattant, il-kliem l-ieħor marbut mal-kejl tar-raba' hu użat ukoll bħala kejl ta' "piżijiet" fil-bejgħ u x-xiri tal-ġwież u ż-żrieragħ. Dan għaliex, fil-bidu nett, ir-raġunar kien dan: B'tant żerriegħa, stajt tiżra' tant art; b'kejla ful, tiżra' kejla raba', b'siegħ qamħ, tiżra' siegħ raba'. (19) M'għandniex xi ngħidu, maż-żmien il-kejl kellu jingħata tifsira iżjed preċiża. Wara kollox, siegħ żerriegħa miżrugħ f'raba' bagħli mod, u siegħ żerriegħa miżrugħ f'raba' saqwi mod ieħor.

Is-SIEGĦ kien kejl użat fl-inħawi tal-Ġordan u n-naħa ta' fuq ta' l-Għarabja. Fis-seklu 7 w.K. is-siegħ kien jiswa 4 MDIED (mdied hu l-plural ta' MODD), u 16-il MODD kienu jiswew WISQ (20). Il-kelma "wisq" fil-Malti tal-lum tfisser "ħafna" jew anke "iżżejjed". Imma fin-nisel tagħha kienet tfisser tip ta' kejl. Meta wieħed kien jgħid: "Hawnhekk għandek wisq", kien qisu qed jgħid: "Hawnhekk għandek ħemel", jew "Hawnhekk għandek tunellata", biex juri li għandek ħafna; kwantità kbira.

B'daqsxejn ta' rieda tajba, u meta ma jkunx hemm il-ħsieb li wieħed "jimmitoloġizza", il-lingwa tista' tmexxina biex nixħtu mqar xi ftit dawl fuq żminijiet "mudlama" ta' l-istorja ta' pajjiżna.

Hawn taħt qegħdin nagħtu l-ismijiet tal-qisien ta' qabel id-dħul tas-sistema Ingliża (u qabel id-dħul tas-sistema metrika), u l-kejl li bih il-bdiewa għadhom jitkellmu fuq ir-raba' s'issa. Il-lista ħadnieha mid-dizzjunarju Malti/Ingliż tal-Professur Ġużè Aquilina, żewġ volumi li ħarġu bejn is-sena 1987 u 1990. Id-dizzjunarju jgħid li t-tagħrif ittieħed minn rapport imxandar minn kummissjoni maħtura mill-Gvern biex tistudja l-introduzzjoni ta' sistema metrika f'Malta. Ir-rapport ħareġ fl-1907:

| | | |
|---|---|---|
| 1 Pulzier | - | 21.83 mm |
| 1 Xiber | 12il pulzier | 26.194 cm |
| 1 Fitel | qisu nofs xiber | 13.097 cm circa |
| 1 Qasba | 8t ixbar | 2.095 m |
| 1 Qasba kwadra | | 4.391 sq. m |
| 1 Kejla | | 18.735 sq. m |
| 1 Siegħ | 10 kejliet | 187.254 sq.m |
| 1 Tomna | 6 sigħan | 0.112 ha |
| 1 Wejba | 4t itmiem | 0.449 ha |
| 1 Modd | 16il Tomna | 1.798 ha |
| 1 Xiber kubu | | 17.971 cm dm |
| 1 Qasba kubu | | 9.201 cu dm |

*(19)* C.E. Bosworth, "Misaha", *Encyclopaedia of Islam*, it-2 Ediz., Leiden, Brill, pġ. 138
*(20)* E. Ashtor, "Makayil wa Mawazin", *Encyclopaedia of Islam*, it-2 Ediz., Leiden, Brill, pġ. 118



UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY